# GIMGHA TAL-PERSUNI B'DIZABILITÀ 2001
# MINI-PARLIAMENT

## L-EDUKAZZJONI: GEBLA TAX-XEWQA FIL-HAJJA TAL-PERSUNA B'DIZABILITÀ

Onorevoli Mr. Speaker, sinjuri. Insellmilkom.

L-edukazzjoni hija l-gebla tax-xewqa li fuqha nibnu s-sisien tal-futur taghna. Nixtieq nibda dan id-diskors qasir billi nghid li dan li ser nghid hawnhekk ma jaghtix l-istampa shiha ta' l-esperjenzi tal-persuni b'dizabilità u d-dinja tax-xoghol. Biss, fil-hin limitat li ghandi, ser nipprova niffoka fuq xi punti ewlenin li l-aktar jolqtu l-persuni b'dizabilità f'dan is-settur.

Punt posittiv huwa li l-Kumitat Ministerjali dwar l-Edukazzjoni Inklussiva qed iservi ta' forum tajjeb hafna ghal diskussjonijiet bejn rapprezentanti minn oqsma importanti f'dan il-qasam. Fosthom insibu l-Ministeru u d-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità, il-Ministeru tal-Politika Socjali, l-Università ta' Malta, l-MUT u l-Federazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet ghall-Persuni b'Dizabilità. Pass kbir 'il quddiem li sar bhala rizultat ta' dan il-Kumitat, kif ukoll tal-Ligi Opportunitajiet Indaqs, huwa li nstabet soluzzjoni ghall-problema ta' x'jigri meta l-facilitator tkun assenti. Forsi ghadna 'l boghod

mill-idejal, pero’ ttaffiet hafna mill-pressjoni li kellhom fuqhom genituri ta’ tfal b’dizabilità li jattendu skejjel regolari tal-gvern.

Jehtieg li t-tahrig ghall-personnel li jahdmu ma’ studenti b'dizabilità jkun wiehed imsejjes tajjeb fuq l-element prattiku. Ghad ghandna nuqqas kbir f’dak li hu personnel imharreg f’dan il-qasam. Per ezempju, l-persuni neqsin mis-smigh ghandhom bzonn li jkollhom programm individwali biex ikolhom aktar lezzjonijiet individwali, jew sign lanaguage interpreters fil-klassi skond il-bzonn, biex huma jkunu jistghu jsewgu fil-lezzonjiet normali. Ezempju iehor huwa li ghandu jkun iccarat darba ghal dejjem ir-rwol tal-facilitator fl-iskola. Dan sabiex ma nibqghux b’job descriptions differenti ghal nies li suppost jaghmlu l-istess xoghol, cioé, dak ta’ facilitators.

Irridu ukoll naslu ghal konkluzjoni gusta dwar l-ghoti ta’ medicina lil studenti b’dizabilità li jattendu skejjel regolari. Hawnhekk, filwaqt li ma rridux nissimplifikaw il-probelma, specjalment il-prejokkupazzjoni li jhossu certi ghalliema, jew facilitators, fil-qadi ta’ dan il-bzonn essenzjali, lanqas irridu naraw komplikazzjonijiet fejn dawn ma jezistux. Ghal hafna studenti b’dizabilità il-medicina li jiehdu hi krucjali ghall-progress fizjologiku, socjali u akkademiku u ghaldaqstant niehu l-opportunità biex nirrakomanda bill-qawwa li din il-problema tigi rizolta fl-iqsar zmien possibbli, ghal gid tat-tfal b’dizabilità, kif

ukoll ghas-serhan il-mohh tal-genituri, l-ghalliema u l-facilitators.

L-iStatementing tat-tfal irid isir b’aktar flessibilità. Fil-passat konna f’sitwazzjoni fejn l-iStatementing Bord kien qieghed hemm kwazi biex iqassam il-facilitators. Bir-rizultat li llum hafna genituri, Heads u ghalliema jahsbu li l-unika ghajnuna li ghandha tinghata lit-tfal b’dizabilità fl-iskola huwa facilitator. Dan m’hu veru xejn, u nafu li f’certi cirkustanzi izjed jista’ jsir hsara meta tifel, jew tifla, jinghataw facilitator biss. Bhala persuni b’dizabilità ahna nirrakomandaw bil-qawwa li kull student b’dizabilità ghandu jkollu l-Pjan Edukattiv Individwalizzat tieghu, dak li jissejjah IEP. Imbaghad huwa d-dover tal-Iskola (il-Kap u l-ghalliema, flimkien mal-facilitators) li jaraw li dan il-Pjan qed jigi mwettaq kif ghandu jkun. Nemmnu li xoghol ewlieni ta’ l-Istatementing Moderating Panel huwa dak li jara li dan ix-xoghol qed isir, u joffri pariri u support skond il-bzonn.

Nemmnu wkoll li l-iskejjel specjali ezistenti ghandhom iservu ta’ Centri ta’ Rizorsi ghall-ghalliema ta’ studenti b’dizabilità li qeghdin fi skejjel regolari. Dan beda jsir f’xi skejjel, pero’ irridu nghagglu ftit aktar il-pass tal-bidla f’dan il-qasam. L-Iskejjel Specjali jistghu jghinu wkoll f’dak li hu process ta’ trasferiment ta' studenti mill-livell primarju ghal dak sekondarju, trasferiment mill-livell sekondarju ghall-hajja tax-xoghol, kif ukoll trasferiment ta' studenti

adulti minn skejjel specjali ghas-servizzi ta' matul il-jum tal-Ministeru ghall-Politka Socjali.

Issa li l-maggoranza ta' tfal b'dizabilità qed jattendu skejjel regolari qed nibdew niffaccjaw aktar il-problema ta' l-ezamijiet u provedimenti ta' opportunitajiet indaqs. Nafu li bhalissa hafna skejjel tal-Gvern, tal-Knisja, dawk indipendenti, kif ukoll il-Bord tal-MATSEC qed jaghmlu dawn it-tip ta' arrangamenti fuq livell ad hoc u dan qed iservi ta' gid ghal hafna studenti b'dizabilità. Madankollu, wara erba' snin ta' diskussjonijiet u preparamenti nahsbu li wasal iz-zmien li jigu ppublikati linji gwida dwar provedimenti ta' opportunitajiet indaqs ghal waqt l-ezamijiet. Dan sabiex ikollna gwida cara u kulhadd jitkellem bl-istess lingwagg. Irid jidhol aktar element ta' flessibilita' fis-sistema ta' l-ezamijiet pubblici lokali. Hafna tfal b'dizabilità, minkejja l-fatt li jkunu kapaci, jistghu jkollhom bzonn ta' aktar zmien biex jkunu jistghu jippreparaw ruhhom sew ghal dawn l-ezamijiet. Per ezempju, jista' jaghti l-kaz li l-ezamijiet fuq livell avvanzat isiru fuq medda itwal minn dik ta' sentejn, li huwa meqjus bhala zmien 'normali'.

Importanti hafna li s-sistema ta' l-edukazzjoni, fl-istess waqt li zzomm standards accettabli ghall-pajjizna, tahdem b'mod flessibbli ma' l-individwu, specjalement l-individwu b'dizabilità. F'dan ir-rigward il-Kurrikulum Minimu Nazzjonali ghandu jkun verament minimu u ghandu jigi nterpretat b'mod krejattiv u flessibbli,

ghaliex it-tfal b’dizabilità intellettwali, jew sensorja (tfal b’nuqqas ta’ dawl, u/jew ta’ smigh) jirrikjedu metodi ta’ taghlim differenti u innovattivi, jekk dawn verament se jaghmlu progress. Per ezempju, aktar lezzjonijiet individwalizzati, u fil-kas ta’ tfal b’nuqqas ta’ smigh, ta’ Interpreti ghall-Lingwa tas-Sinjali Maltija. Filwaqt li nixtiequ nirrgistraw l-approvazzjoni taghna ghal diversi partijiet li ddahlu fl-abbozz finali tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, irridu nemfasizzaw li issa li bdew jahdmu l-Focus Groups f’dan il-qasam, ghandu jsir sforz qawwi biex l-idejat bazici li jidhru f’din il-pubblikazzjoni issa jigu tradotti f’azzjoni konkreti u siewja.

Dwar l-Universita’ ta’ Malta, nistghu nghidu li fir-rigward tal-persuni b’dizabilità sar progress f’certi oqsma. Nghidu ahna, illum hemm aktar flessibilità f’dawk li huma entry requirements u persuni b’dizabilità, il-Fakultajiet jilqghu fi hdanhom studenti b’dizabilitajiet different u l-access fiziku fuq il-kampus tjieb (avolja li Student House ghadha inaccessibbli minkejja pressjoni biex l-access ghaliha jitjieb). Sfortunatament, in-numru ta’ studenti b’dizabilità ghadu wiehed baxx hafna. Inhossu li l-Universita’ trid issir aktar pro-attiva u tahdem hi stess biex tattira u tipprepara studenti b’dizabilita’ fl-iskejjel sekondarji billi thajjarhom ikomplu bl-istudji taghhom fuq livell terzjarju.

Ridt inzomm l-aktar punt ovvju ghall-ahhar, u lanqas xtaqt intawwal fuq dan is-suggett: l-access fiziku fl-iskejjel kollha (tal-gvern, tal-knisja u indipendenti), irid jitjieb sostanzjalment. Bhalissa ghadu xkiel serju fl-izvilupp edukattiv ta’ l-istudenti kollha li ghandhom xi forma ta’ nuqqas fiziku u ta’ zghazagh b’nuqqas fiziku li jixtiequ jsiru ghalliema.

Naghlaq billi ninnota li hafna minn dawn il-problemi, u hafna mir-rakkomandazzjonijiet li ghamilt jistghu jsolvu ruhhom billi nipprattikaw Ippjanar bi hsieb Kulhadd.

Grazzi.

---